MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 55/2013/2

**Giorgia Cardona**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

**Illum l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' Giorgia Cardona li permezz tagħha, wara li ppremettiet :

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, li jġib in-numru tlett mija u wieħed u erbgħin tas-sena elf disgħa mija sebgħa u erbgħin (341/1947) taħt il-kolonna '*Ismijiet mogħtijin*', kif ukoll taħt il-kolonna '*Isem jew ismijiet li*

*bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* hemm żball fis-sens li isem ir-rikorrenti ġiet indikata bħala Giorgia minflok Georgia u dana hekk kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Illi r-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bħala Georgia u dejjem iffirmat b’dak il-mod. Infatti l-isem li ried jiġi mogħti lit-tarbija kien dak ta’ Georgia hekk kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija tagħha Dok. D;

3. Illi infatti hija tgħix ġewwa l-Awstralja u fid-dokumenti Awstraljani tagħha hija mniżżla bħala Georgia, inkluż fid-dokumenti bankarji, kif ukoll dawk ta’ akkwist tad-dar residenzjali tagħha ġewwa l-Awtralja;

4. Illi l-attriċi permezz tal-istanti kawża trid li ssir d-debita korrezzjoni fiċ-ċertfikat uffiċċjali hawn fuq imsemmi u dana sabiex jirrifletti eżattament il-verita tal-fatti stante li l-isem tagħha dejjem kien dak ta’ Georgia u mhux Giorgia; Talbet lill-konvenut jgħid l’għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta’ tlett mija u wieħed u erbgħin tas- sena elf disgħa mija sebgħa u erbgħin (341/1947) u dana fis-sens illi issir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura ‘Ismijiet mogħtijin’, u dana sabiex l-isem Giorgia jiġi sostitwit u kkoreġut b’ dak ta’ Georgia;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta’ tlett mija u wieħed u erbgħin tas-sena elf disgħa mija sebgħa u erbgħin (341/1947) u dana fis-sens illi issir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura, ‘*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*’ u dana sabiex l-isem Giorgia jiġi sostitwit u kkoreġut b’ dak ta’ Georgia;

Rat id-dokumenti esebiti mill-attriċi u ċioe bħala Dokument ‘A’ ċertifikat ta-twelid tal-attriċi, Dokument ‘B’ – kopja tal-passaport Awtraljan tagħha, u bħala Dokument ‘Ċ’ estratt mill-att tat-twelid tagħha, Dokument ‘D’ ċertifikat tal-

magħmudija, bħala Dokument 'E' liċenzja tas-sewqan awtraljana u l-kard tas-saħħa tagħha.

Rat ukoll ir-Risposta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex li permezz tagħha eċċepixxa bil-ġurament tiegħu :

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirremetti ruħhu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, it-talba tar-rikorrenti mhix riżultat ta' xi żball, u dan peress illi l-attriċi qegħdha titlob ir-reġistrazzjoni tal-isem illi bih l-attriċi hija komunement magħrufa flok dak imniżżel fuq l-att tat-twelid tagħha. Għaldaqstant, it-talba tagħha kellha ssir ai termini ta' artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili u mhux ai termini ta' artikolu 253 (1) tal-istess Kodiċi;

3. Illi l-esponenti jinnota illi fuq il-passaport Awtraljan tar-rikorrenti (kopja tiegħu ġiet annessa mar-rikors tal-attriċi) isem ir-rikorrenti ġie mniżżel bl-istess mod kif indikat fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti. Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandha tipproduċi provi ulterjuri dwar kif inhi komunement magħrufa;

4. Illi nonostanti l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress it-tibdil mitlub mhuwiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Il-Qorti,

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi u;

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' tlett mija u wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija sebgħa u erbgħin (341/1947), u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura ismijiet mgħotijin u dan sabiex l-isem Giorgia, jiġi sostitwit u kkorġut b'dak ta' Georgia;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' tlett mija u wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija sebgħa u erbgħin (341/1947), u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u dana sabiex l-isem Giorgia jiġi sostitwit u kkoreġut b'dak ta' Georgia.

In vista tan-natura ta' din il-kawża m'għandhux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------